**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 493/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Roderick Zahra u Ruth Spiteri**

**Illum 31 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Roderick Zahra** ta' erbgħa u tletin (34) sena, iben Nazzarenu u Carmen neè Borg, imwieled il-Pietà nhar id-19 ta' Mejju 1984, residenti Flat 3, Door B, Blk 8, Misraħ Dorell, Sta. Lucija, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 262484(M) u ta' **Ruth Spiteri** ta' tmienja u tletin (38) sena, bint Gaetanu u Rita neè Pace, imwielda l-Pietà fis-17 ta' Lulju 1979, residenti BlkA, Flat 7, Indipendenza Flats, Triq il-Prinjol, Sta. Lucija, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 368679(M), talli:

1. Nhar il-25 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 3:00 ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza Nru.9, Edelweiss, sitwata fi Triq Toni Pace, Mellieħa, ikkommettew serq għad-dannu ta' Christian Cortis u persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263(a), 269(g), 267, 279(b) u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Nhar l-10 ta' Lulju 2018, fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza "Sunrise" fi Vjal il-Qalbiena, Mosta, ikkommettew serq għad-danni ta' Noel Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263(a), 269(g), 267 u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Roderick Zahra** waħdau talli fil-perijodi u ċirkostanzi msemmija qabel ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża w ordni ta' superviżjoni hekk kif mogħtija nhar il-21 ta' Maru 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkunsidra lil Roderick Zahra u lil Ruth Spiteri bħala reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti a fol. 3 sa' 10 tal-proċess;

Rat li entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Rat li permezz ta' Nota ppreżentata fit-13 ta' Awwissu 2018[2], Christian Cortis ikkostitwixxa ruħu parte civile f'dawn il-proċeduri;

Rat li b'Digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu 2018[3], il-Qorti nnominat lil Donald Tabone bħala Espert Tekniku sabiex joħroġ *stills* relattivi għall-każ in eżami mir-*recordings* ta' *CCTV cameras* esebiti bħala Dok. "GS1" u Dok. "GS2" fl-atti ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Awwissu 2018[4], tat-22 ta' Awwissu 2018[5] u ta' l-4 ta' Ottubru 2018[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GS1" sa' Dok. "GS9" a fol. 24 sa' 44 tal-proċess, Dok. "GS10" u Dok. "GS11" a fol. 52 u 53 tal-proċess u Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 163 sa' 166 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 343 Glenn Carabott mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2018[7] u x-xhieda ta' Christian Cortis mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC9" a fol. 54 sa' 66 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPS 148 Denise Camilleri[9] u x-xhieda ta' Noel Farrugia[10] entrambe mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, semgħet ix-xhieda mogħtija mill-Espert Tekniku Donald Tabone waqt is-seduti ta' l-24 ta' Settembru 2018[11] u tat-8 ta' Novembru 2018[12] u rat ir-Rapporti esebiti minnu a fol. 101 sa' 153 tal-proċess u a fol. 173 sa' 234 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Karen Cremona, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2018[13] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "KC1" a fol. 156 sa' 159 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Kylie Borg mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2018[14] u x-xhieda ta' Marco Agius[15] u ta' PC1303 Mario Camilleri[16] entrambe mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018;

---

[1] Eżami ta' Ruth Spiteri a fol. 14 tal-proċess u eżami ta' Roderick Zahra a fol. 15 tal-proċess.
[2] Fol. 45 tal-proċess.
[3] Fol. 51 u 52 tal-proċess.
[4] Fol. 46 sa' 49 tal-proċess.
[5] Fol. 70 tal-proċess.
[6] Fol. 162 tal-proċess.
[7] Fol. 50 tal-proċess.
[8] Fol. 71 sa' 81 tal-proċess.
[9] Fol. 67 sa' 69 tal-proċess.
[10] Fol. 82 sa' 88 tal-proċess.
[11] Fol. 100 tal-proċess.
[12] Fol. 171 u 172 tal-proċess.
[13] Fol. 155 tal-proċess.
[14] Fol. 167 tal-proċess.
[15] Fol. 240 u 241 tal-proċess.
[16] Fol. 242 u 243 tal-proċess.

Rat n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta datata 19 ta' Diċembru 2018 a fol. 245 tal-proċess, permezz ta' liema bagħat lill-imputati sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti kif maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 553 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 269(g), 267, 279(b), 42(d), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 269(g), 267, 42(d), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2019[17], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli kif indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju a Ġudizzju tiegħu datata 19 ta' Diċembru 2018;

Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019[18], l-imputati ddikjaraw li jagħżlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri u li ma għandhomx provi x'jressqu;

Semgħet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni, tad-Difiża u tal-Parte Civile;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati Roderick Zahra u Ruth Spiteri flimkien qed jiġu akkużati talli: (1) nhar il-25 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 3:00 ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza Nru.9, Edelweiss, sitwata fi Triq Toni Pace, Mellieħa, ikkommettew serq għad-dannu ta' Christian Cortis u persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263(a), 269(g), 267, 279(b) u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u talli (2) nhar l-10 ta' Lulju 2018, fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza "Sunrise" fi Vjal il-Qalbiena, Mosta, ikkommettew serq għad-danni ta' Noel Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263(a), 269(g), 267 u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni titlob li f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkonsidra liż-żewġ imputati bħala reċedivi a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imputat Roderick Zahra waħdu qed jiġi akkużat ukoll talli fil-perijodi u ċirkostanzi msemmija qabel ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża w ordni ta' superviżjoni hekk kif mogħtija fil-21 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Mill-provi prodotti jirriżulta li fl-14 ta' Lulju 2018[19] Noel Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 486289(M), għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Mosta fejn stqarr illi kien sab xi affarijiet neqsin minn ġewwa r-residenza tiegħu "Sunrise" Vjal

[17] Fol. 246 tal-proċess.
[18] Fol. 248 tal-proċess.
[19] Dok. "GS4" a fol. 31 sa' 34 tal-proċess.

il-Qalbiena Mostin, Mosta, li f'dak iż-żmien kienet fi stat ta' kostruzzjoni. Meta għamel dan ir-rapport huwa ddikjara li l-aħħar li kien ra l-affarijiet misruqa - ossia jigger ta' kulur iswed bl-aħdar u nail gun ta' l-għamla Spit ta' kulur oranġjo highlighter - kien xi tlett ġimgħat qabel ir-rapport u li l-oġġetti misruqa kellhom valur ta' €200 u €1,000 rispettivament. Fl-4 ta' Awwissu 2018 Noel Farrugia reġa mar l-Għassa tal-Mosta fejn għadda CCTV *footage* u xi ritratti li juru l-proprjetà tiegħu u fir-rigward huwa stqarr mal-Pulizija li: *mill-footage ta' dakinhar li nsterqu li rajt huwa li hin minnhom il-persuna relatata jidher nieżel mill-ġenb biex jevita l-kameras u jidħol ġol-garaxx tiegħi, jagħti ġiex minuti jew tlieta bejn wieħed u ieħor umbad joħroġ u jinżel l-isfel ġifieri għan-niżla tat-triq. Umbad ġiet karozza Daihatsu Boon Silver bin-numru tar-reġistrazzjoni BCE-637 (importanti ngħid ukoll li l-karozza kellha l-erba' roti kienu kollha bla hubcap iżda wieħed minnhom li jiġi fuq quddiem in-naħa tax-xufier jidherli kellu rim silver) u waqfet ftit 'l isfel mill-garaxx, xi dar jew tnejn 'l isfel fuq iż-żebra cross, fejn hemmhekk daħal il-persuna relatata ġol-vettura li kien liebes berritta skura u deher li f'idu l-leminija fil-parti ta' fuq kellu tpinġija u kif ukoll kellu naqa daqna, bħala ħwejjeġ kien liebes flokk taċ-ċingi iswed u shorts three quarters aħmar. Umbad il-karozza telgħet qisu block il-fuq u waqaf eżatt quddiem tal-ħaxix bl-isem "Ta' Sprettu" umbad bażikament il-persuna relatata minn passiġġier ħareġ, it-tfajla (li kellha xagħarha jidher skur jekk minix sejjer żball, kienet liebsa flokk taċ-ċingi abjad u kienet mibruma) li kienet qed issuq qabżet fuq is-seat tal-passiġġier u l-persuna relatata daħal fis-seat tax-xufier u beda jsuq, importanti ngħid ukoll li fuq is-seat ta' wara fuq in-naħa tal-passiġġier kien hemm persuna li tidher maskili u kellha beritta skura u jekk rajt sew kellu wkoll mustaċċi. Umbad għamel U-Turn u daħal fis-side street ta' bejn il-garaxx tiegħi u bejn il-ħanut tal-ħaxix. Umbad jidher ħiereġ mis-side strett u nieżel lejn il-garaxx tiegħi, umbad nerġa naqbdu bil-kamera l-oħra ħiereġ bl-għodda u jerġa jitla' 'l fuq bl-għodda f'idu. (Dan kollu huwa meħud mill-kamera tal-ħaxix u kif ukoll mill-kamera tan-neighbour).*

Dwar dan ir-rapport u l-allegata serqa subita minnu **Noel Farrugia**[20] ddikjara: *jiena irrappurtajt għaliex daħlu fil-garaxx tiegħi u serquli biċtejn għodda. ... Mill-istess indirizz li tajt "Sunrise", Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, fil-garaxx tiegħi. Insterquli biċtejn power tools u bażikament fuq dak li għamiltu r-rapport. ... Kienu qegħdin fil-garaxx tiegħi. ... Kienu fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx fuq ix-xellug. ... il-post qiegħed construction site għax qiegħed intella' fuq allura l-garaxx qiegħed bħal speċi fejn inżommu l-għodda, xi materjal. Hu l-post huwa construction site.* Mistoqsi jiddeksrivi l-għodda li sab nieqsa u li jallega li nsterqitlu Noel Farrugia ddikjara: *waħda minnhom hija nail gun, bażikament fiha daqshekk, il-kaxxa orange highlighter, dan ilu għandi xi 3 snin, id-ditta hija Spit. ... dan kien xtrahuli ħabib tiegħi mill-Italja w ovvjament ġabuli miegħu.* Dwar il-valur ta' dan in-nail gun Noel Farrugia ddikjara li jiswa *approximately xi €600. Jien ġibt quotation ta' xi ħaġa simili li tiswa xi €750. ... Bejn wieħed u ieħor kien jiswa xi €600 imma ovvjament din il-quotation li sibt mhijiex tiegħu però ppruvajt insib xi ħaġa simili.* Fir-rigward ta' l-għodda l-oħra li jallega li nsterqitlu Noel Farrugia ddikjara: *il-prodott l-ieħor huwa hammer drill, il-kulur tiegħu huwa iswed bl-aħdar, kien inxtara l-istess mal-biċċa għodda l-oħra. Approximate value li niftakar li kien jiswa kien xi €250 meta kont xtrajthom u meta ġibt il-quotation ta' l-iktar ħaġa simili li*

[20] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, fol. 82 sa' 88 tal-proċess.

*sibt kienet xi €600.* Dwar il-footage ta' CCTV cameras Noel Farrugia ddikjara li *hi qiegħda fuq jumejn. L-ewwel darba meta serquni rajt lilu li seraqli l-għodda nieżel bil-pass minn ma' ġenb id-dar tiegħi min-naħa ta' fuq, daħal fil-garaxx approximately qisu għaddew xi żewġ minuti. Kumbinazzjoni dak il-ħin waqfet karozza quddiem id-dar tiegħi li m'għandhiex x'taqsam xejn. … Ma nafx x'għamla hi m'għandix idea, naf li karozza bajda u waqt li kienet hemm, it-tali li daħal jisraqni ħareġ, niżel ftit 'l isfel bil-pass u ġiet karozza tat-tip Daihatsu griża. Hu daħal bħala passiġġier, saq, tela' 'l fuq jiġifieri qabeż il-blokk tiegħi, ħareġ minn passiġġier u min kien xufier, li kienet mara, qabżet fuq is-seat tal-passiġġier, daħal hu, saq, għamel u-turn, daħal fis-side street ta' ma' ġembi, reġa' ħareġ bil-pass, reġa' niżel, reġa' daħal fil-garaxx tiegħi u wara ftit ħareġ b'din l-għodda tiegħi li semmejtlek u reħa' tela' 'l fuq bil-pass.* Mistoqsi *din il-persuna li rajt fuq is-CCTV qiegħed tagħrfu ġo din l-awla jekk jogħġbok?* Noel Farrugia wieġeb *iva qiegħed nagħrfu* u mitlub jindika min kien, huwa indika lill-imputat Roderick Zahra. Mistoqsi ulterjorment *il-persuna l-oħra li rajt fil-karozza li għidtilna li imbagħad biddlu s-seat u nstaqet il-vettura stajt taraha inti din il-persuna jekk jogħġbok?* Noel Farrugia wieġeb *le ma nistax ngħid* u mistoqsi ulterjorment *voldieri jekk ngħidlek jekk din il-persuna tagħrafhiex ġo din l-awla ma tistax tgħidilna hux hekk?* huwa wieġeb *le ma nistax ngħid.* Mistoqsi jikkonferma li huwa jagħraf lir-raġel biss li jikkontendi li serqu, Noel Farrugia wieġeb *iva hekk hu eżatt.* Fir-rigward ta' l-imputat li huwa għarfu bħala l-persuna li daħlet fil-garaxx tiegħu u ħarġet minn hemm bl-għodda f'idejha, Noel Farrugia ddikjara li huwa lill-imputat ma jafux, qatt ma kellmu u qatt ma inkarigah biex jagħmillu xogħol fil-fond tiegħu. Mistoqsi dwar il-garaxx minn fejn allegatament insterqet l-għodda minnu indikata u l-istat li kien fih dak iż-żmien, Noel Farrugia ddikjara: *hu magħluq u għandu bieb ta' garaxx. Fil-mument li saret is-serqa kien miftuħ qiegħed fuq ganġetta minħabba xi ħaddiema li għandi jaħdmu.* Mistoqsi ulterjorment *jiġifieri dak il-ħin kien hemm il-ħaddiema qegħdin jaħdmu u l-bieb kien fuq il-ganġetta hux hekk?* Noel Farrugia wieġeb *iva hekk hu eżatt.*

Dak affermat minn Noel Farrugia dwar x'jidher fil-footage ta' CCTV Cameras tal-fond adjaċenti għall-fond tiegħu - fir-rigward ta' liema CCTV Cameras u footage xehed Marco Agius, ġar ta' Noel Farrugia, waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[21] - jirriżulta kkonfermat fir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone u fl-istills minnu ottenuti minn tali footage, liema Relazzjoni tinsab esebita a fol. 101 sa' 154 tal-proċess u mill-ġdid a fol. 173 sa' 234 tal-proċess u ġiet debitament ikkonfermata bil-ġurament mill-istess Espert waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2018[22].

Dejjem mill-provi prodotti jirriżulta li fil-25 ta' Lulju 2018[23], l-Għassa tal-Mellieħa irċeviet rapport mingħand ċertu Christian Cortis, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 547880(M), għaliex skopra li seħħet serqa mill-fond di proprjetà tiegħu fi Triq Toni Pace, Mellieħa, liema fond dak iż-żmien kien fi stat ta' ġebel u saqaf. Fir-Rapport tal-Pulizija relattiv għal dan il-każ ġie kkonstatat illi *llum 25/07/2018 il-Pulizija tal-Mellieħa ġiet informata li kien hemm serqa minn post qed jinbena fi Triq Toni Pace. Il-Pulizija waslet fit-triq fejn kien hemm is-sid ta' l-imsemmi post ċertu CORTIS CHRISTIAN - ID Card. 0547880(Pfr), dan spjega li min daħal daħallu*

---

[21] Fol. 240 u 241 tal-proċess.
[22] Fol. 171 u 172 tal-proċess.
[23] Dok. "GS3" a fol. 26 sa' 30 tal-proċess.

*minn quddiem għax kien hemm xibka li ġiet imneħħija w anke xi injam u ġebel kbir biex jgħatti l-entratura u wara ħarġu mill-bieb tal-garage li jiġi fis-sular ta' taħt l-art għaliex kien imbexxaq. Christian kompla jgħid illi ma jafx bl-amment x'hemm nieqes iżda li jaf żgur hu li kellu xi għodda nieqsa w anke xi kaxxi b'oġġetti tal-kamra tal-banju neqsin. Il-Pulizija daħlet minn ġol-garage li jiġi fis-sular ta' taħt l-art flimkien ma' Christian fejn huwa stqarr illi kellu xi kaxxi neqsin li waħda kienet mimlija u xi tnejn mimlija plakek tad-dawl. Meta komplejna nitilew għall-ewwel sular Christian uriena kaxxa bahda kollha trab tal-adid li kienet miftuħa u l-katnazz ma kienx hemm, huwa stqarr illi kien hemm xi għodda żgħar bħal turnaviti u spunners neqsin mill-imsemmija kaxxa. L-aktar affarijiet li l-Pfr sab neqsin kienu mit-tieni sular fejn kien hemm il-kmamar tal-banju, fost l-affarijiet li nnota neqsin kien hemm Grinder tad-ditta Flex Serial No: L3709/125, 3 in one Drill tad-ditta Hitachi, kif ukoll xi fittings ta' showers u sinks tal-kamra tal-banju li kienu mqassmin ġewwa kaxxi. Meta l-Pulizija telgħet mas-Sur Cortis fuq il-bejt huwa nnota nieqes railing tat-taraġ ta' xi żewġ metri ta' lewn griż. Huwa ġie mitlub biex iġib lista kompluta ta' l-affarijiet neqsin. Il-Pfr stqarr ukoll li xi ġirien qalulu illi għall-ħabta tat-15:10 raw karozza griża ipparkjata faċċata ta' dan il-post li kienet qiegħda tiġi mgħobbija b'xi kaxxi w anke railing fuq wara b'tali mod li l-bieba ta' wara ma ngħalqitx u saqet bir-railing imqabbeż il-barra. Il-Pulizija ħadu nota ta' din l-informazzjoni biex jiġu ċċekkjati xi CCTV camera fil-viċin.* Ftit ġranet wara dan ir-rapport Christian Cortis ipprovda lista ta' l-oġġetti misruqa bil-valur tagħhom, liema valur komplessivament jammonta għal €2,846.74. Ir-Rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ ġie ulterjorment aġġornat bis-segwenti informazzjoni: *persons related and suspected of theft were identified as Mr. Roderick Zahra & Ruth Spiteri who on the day of the alleged theft were making use of vehicle BCE-637 Daihatsu Boon. CCTV footage collected from the area confirmed the mentioned persons driving the vehicle with the reported stolen railing hanging out of the back side of the vehicle.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018[24], **Christian Cortis** iddikjara li għalkemm stqarr li jgħix ġewwa San Ġijan huwa għandu proprjetà oħra ġewwa l-Mellieħa, Nru.9, "Edelweiss" Triq Toni Pace, Mellieħa, liema fond fiż-żmien in kwistjoni kien *qiegħed fi stat ta' ġebel u saqaf u qed nibda nagħmel l-interior, id-dawl, l-ilma u nkompli bil-kisi w affarijiet oħra biex nagħlaq il-post.* Għall-mistoqsija *ħa nieħdok għal Lulju ta' din is-sena partikolarment għall-25 ta' Lulju ta' din is-sena, tista' tispjega lill-Qorti din id-dar ġewwa l-Mellieħa x'kellha mal-faċċata tagħha?* Christian Cortis wieġeb *il-faċċata kienet kollha scrinjata. … Għandha dak il-waterproof l-aħdar biex niftehmu, kien hemm il-vireg, injam, bricks biex ovvjament kemm jista' jkun ma jidhlux nies u ma kull livell kelli hekk. … Id-dar b'kollox qiegħda fuq erba' sulari, għandi semi-basement garage, għandi elevated ground floor, l-ewwel sular u t-tieni sular.* Mistoqsi jispjega x'ġara dakinhar tal-25 ta' Lulju 2018, Christian Cortis iddikjara: *kont qiegħed ix-xogħol u wara x-xogħol kont sejjer id-dar. Kif wasalt id-dar ċemplitli l-mara u qaltli: "int ħallejt il-bieb tal-garaxx* [tal-Mellieħa] *miftuħ?". … Dak il-ħin għedt jew missieri jew daħluli. Ċempilt lill-missieri sadanittant u għedtlu "pa inti mort il-post u ħattejt xi ħaġa u ħallejt il-bieb tal-garaxx miftuħ?" u dak qalli "qas ersaqt 'l hemm", għedtlu "mela x'aktarx daħlulna". Mort quddiem il-post u sibt tiċrita ma' l-iscreening minn naħa tal-bieb ta' l-elevated ground floor. … Qisu xi ħadd ċarratha jew b'xi mus jew b'xi*

[24] Fol. 71 sa' 81 tal-proċess.

*ħaġa imma ma nafx*. Mistoqsi *ġialadarba l-iscreening għandu din it-tiċrita, seta' jiġri xiex?* Christian Cortis wieġeb *ovvjament dak li jkun kellu l-mezz biex ineħħi l-affarijiet li kien hemm wara w ovvjament daħal b'aktar kumdità speċi*. Mistoqsi x'għamel kif sab l-iscreening mal-faċċata mċarrat Christian Cortis iddikjara *dħalt fil-garaxx u ma messejt xejn, l-ewwel li għamilt ċempilt lill-Pulizija w infurmajthom li daħluli, imbagħad qalli li kienu ġejjin tal-patrol u ovvjament jagħmlu x-xogħol tagħhom. Sadanittant jiena tlajt fil-post biex nara jekk insteraqlix xi ħaġa fejn daħluli. Fl-ewwel sular, il-ground floor, ma kelli xejn partikolari ħlief kaxxa mimlija wires* [tad-dawl] *li ma baqgħetx hemm. … Kelli xi sittax-il roll ta' mitt metru 'l wieħed*. Spjega li fuq ġewwa kienu magħmulin mir-ram u kellu qisien varji u kien hemm minnhom użati w oħrajn ġodda. Mistoqsi x'sab iktar huwa qal *kull ma għandi washing machine u fridge antiki li għadhom hemm, tlajt fuq u nara l-bibien miftuħin. … tal-kmamar tas-sodda ta' fuq ta' l-ewwel sular. Hemmhekk bażikament rajt li kellhom biċċa mix-xambrella fejn hemm il-lock imċarta, hemm sinjal ta' sieq fejn xi ħadd ta daqqa ta' sieq lill-bieb biex jisgassah u ġo dawn il-kmamar kelli għodod, affarijiet tal-banju li kont għadni nixtrihom. Kull bieb imma kien sgassat jiġifieri għad hemm il-footprint ukoll mal-bieb*. Iddikjara ulterjorment illi l-affarijiet li kellu ġo dawn il-kmamar insterqu wkoll għaliex ma sabhomx fejn kien ħallihom. Dwar x'insterqalu Christian Cortis spjega illi *fil-garaxx kelli żewġ tankijiet tal-gas u wieħed minnhom ġie nieqes, kelli kaxxa ta' l-għodda mimlija għodda, limi u affarijiet hekk, ma nafx x'kelli eżatt imma kienet mimlija għodda, imbagħad insteraqli mill-kmamar grinder, driller three in one li kien naqra heavy duty, aluminium rail minn fuq nett għax kont qlajtu biex ngħaddi katusa u kelli naqilgħu. … dan kien aluminium rail ta' poġġaman tat-taraġ ta' ġewwa normali u kien fih qisu metru u nofs. … biċċa sħiħa ta' naħa minnhom, tat-taraġ ovvjament kien għadu mwaħħal. … ta' l-aluminium gold … kien qed iżomm il-bieb u f'daqqa waħda għedt hawn xi ħaġa nieqsa u rrelaizzajt li kienet dik ir-railing ta' l-aluminium. … Kelli kaxxa kollha katusi għax konna jiena u missieri ha nagħmlu d-drenaġġ u l-katusa ta' l-ilma ma sinbihiex hemm. Kien hemm aktar katusi imma l-borża peress li kien hemm naqra umdità infetħet jiġifieri dawn baqgħu hemm. … kif tħossha ma tistax tiġborha, jekk ma tiġborhomx waħda waħda, imma kull ma kelli ċekċikiet tliet elbows. … Katusi bl-amment ma nafx imma li konna xtrajna dan l-aħħar kelli qisu sitt Ys, kelli T u kelli ħames elbows. … Kelli mitt kaxxa six by three u three by three. … Back boxes ta' l-elettriku għax kont ser nibda ngħaddi d-dawl. Dawn kumbinazzjoni kont għadni nixtrihom xi ġimgħa jew ġimgħa u nofs qabel u kienu kollha hemm ippustjati u kelli xi oġġetti oħra ġo fihom. Imbagħad meta iċċekkjajt fil-kaxxa rrealizzajt x'għandi nieqes u x'm'għandix. … F'kamra minnhom kelli l-aċċessorji tal-bathroom li konna għadna kemm nixtruhom u konna ħa nixtru l-madum biex nibdew nagħlqu wkoll il-bathroom*. Għall-mistoqsija *il-prezzijiet allura li inti ħallast għall-aċċessorji tal-bathroom hemm xi ħaġa partikolari dwarhom li trid tinforma lill-Qorti?* Christian Cortis wieġeb *bażikament għamilna l-pass li nixtru l-affarijiet tal-bathroom għax kienu bid-discount bażikament kienu ta' 60% discount* u għall-mistoqsija ulterjuri *llum il-ġurnata issa biex allura inti terġa' tixtri dak li nsteraq lilek, b'liema prezz ħa tħallas?* wieġeb *average d-doppju ta' dak li hawn stipulat fl-invoices*. Dwar x'insteraq iktar Christian Cortis spjega *distribution box ta' l-elettriku u dik bejn wieħed u ieħor tiswa forty Euro*.

Dwar il-valur ta' l-oġġetti li nsterqu Christian Cortis iddikjara li dan kien iktar minn elf Lira Maltija, illum ekwivalenti għal €3,000 u in sostenn ta' dak minnu affermat

esebixxa numru ta' riċevuti markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC9" a fol. 54 sa' 66 tal-proċess. Mistoqsi dwar il-footage ta' CCTV cameras li ġie miġbur mill-Pulizija u minnu viżjonat, Christian Cortis iddikjara li *li laqatli għajneja huwa li dan ġara kollox qisu bejn żewġ minuti u tlett minuti għax kumbinazzjoni fit-tarf tal-footage kienet tidher li ġiet il-karozza, kien jidher persuna miexi 'l fuq u 'l isfel mill-garaxx għal ġol-karozza jgħabbi u jerġa jinżel biex iġib l-affarijiet l-oħra. … indunjat li mbagħad serqu minn naħa tiegħi u li huwa tiegħi mir-railing ta' l-aluminium għax kien ħiereġ 'l barra għax il-bieba ma ngħalqitx sewwa. … Minn naħa ta' wara u l-bieba naħseb kienet magħluqa għax ma kienetx mgħollija u kienet qed isserrah fuq ir-railing. … Ta' wara tal-boot u kien ħiereġ 'l barra mill-boot.* Għall-mistoqsija *jiġifieri barra mill-boot kemm kien għad fadal tul milli tista' tikkalkula?* Christian Cortis wieġeb *bejn erbgħin jew ħamsin ċentimetru, xi ħaġa hekk* u għall-mistoqsija ulterjuri *u minn hemmhekk għaraft li kien hemm ir-railing tiegħek?* wieġeb *eżatt.* Dak affermat minn Christian Cortis dwar x'deher fuq il-footage ta' CCTV Cameras jinsab ikkonfermat mir-Relazzjoni u dokumenti annessi ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone a fol. 174 sa' 234 tal-proċess, bl-istills relattivi għall-każ ta' Christian Cortis a fol. 187 sa' 195 tal-proċess.

F'dawn il-proċeduri xehdet ukoll **Karen Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta**, illi ddikjarat illi l-*vettura BCE-637 hija Daihatsu Boom ta' kulur silver irreġistrata fuq Roderick Zahra, I.D. Card 262484(M) u ilha hekk reġistrata fuq ismu mill-24 ta' Marzu 2015*[25] u in sostenn ta' dak minnha affermat esebit dokument dwar Vehicle Details markat Dok. "KC1" a fol. 156 159 tal-proċess. Minn din ix-xhieda u mid-dokument Dok. "KC1" jirriżulta li l-vettura msemmija minn Christian Cortis u minn Noel Farrugia bħala involuta fis-serqiet mill-proprjetajiet rispettivi tagħhom u li dehret fil-footage tal-filmati ta' CCTV cameras hija l-vettura ta' l-imputat Roderick Zahra.

Kif ġià iktar 'l fuq osservat l-akkużi li a bażi tagħhom l-imputati tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kienu talli: (i) nhar il-25 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 3:00 ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza Nru.9, Edelweiss, sitwata fi Triq Toni Pace, Mellieħa, ikkommettew serq għad-dannu ta' Christian Cortis u persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bil-lok, bi ksur ta' l-**Artikoli 263(a), 269(g), 267, 279(b) u 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**; (ii) nhar l-10 ta' Lulju 2018, fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza "Sunrise" fi Vjal il-Qalbiena, il-Mosta, ikkommettew serq għad-danni ta' Noel Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bil-lok, bi ksur ta' l-**Artikoli 263(a), 269(g), 267 u 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**; (iii) talli l-imputat Roderick Zahra wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sopsiża, **a tenur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (iv) li ż-żewġ imputati għandhom jiġu trattati bħala reċidivi **a tenur ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju[26] ta' l-Avukat Ġenerali però jirriżulta li l-imputati nbaghtu quddiem din il-Qorti *qua* Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex jiġu ġġudikati skond kif maħsub: (i) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a),269(ġ), 267, 279(b), 42(d), 280 u 281 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) fl-Artikoli 261(b)(ċ)(e),

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2018, fol. 155 u 156 tal-proċess.
[26] Fol. 245 tal-proċess.

263(a), 269(ġ), 267, 42(d), 280 u 281 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dan jirriżulta għalhekk illi din il-Qorti fil-vesti tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tinsab prekluża milli tiġġudika lill-imputat Roderick Zahra relattivament għall-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu waħdu li fil-perijodi u ċirkostanzi imsemmija fl-ewwel żewġ akkużi dedottti kontrih flimkien ma' l-imputata Ruth Spiteri, huwa ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża u ordni ta' superviżjoni mogħtija fil-21 ta' Marżzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u għaldaqstant ghandha tastjeni mill-istess.

Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib konferma f'dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Darren Debono, Każ Nru. 137/11** deċiża fil-11 ta' Settembru 2013: *illi dwar in-nota ta' rinviju għal ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' persuna imputata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruħha hekk: "Meta ... rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed qed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment jista' jnaqqas reat jew reati w anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bġala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(ċ)) tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor inqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat.*

Fid-dawl ta' tali prinċipju għalhekk, il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat Roderick Zahra waħdu li fil-perijodi u ċirkostanzi imsemmija fl-ewwel żewġ akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u ta' Ruth Spiteri, huwa wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża w ordni ta' superviżjoni mogħtija fil-21 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Trattata din il-kwistjoni l-Qorti ser tgħaddi biex tittratta l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imptutati Roderick Zahra u Ruth Spiteri flimkien.

**L-ewwel akkuża:**

L-imputati qed jiġu akkużati talli fil-25 ta' Lulju 2018, għall-ħabta tat-3:00p.m. huma ikkommettew serqa minn ġewwa residenza Nru.9, "Edelweiss", fi Triq Toni Pace, Mellieħa, għad-dannu ta' Christian Cortis, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur u bil-lok, skond l-Artikoli 261(b)(ċ)(e), 263(a), 269(ġ), 267 u 279(b), 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta - rifless dan anke fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Fir-rigward tar-reat ta' serq huwa ormai prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *il-liġi penali tagħna ma tagħti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq b'dan għalhekk illi l-ġurisprudenza u d-deċiżjonijiet tal-qrati dejjem straħu fuq dik*

*mogħtija mill-ġurista taljan Carrara fejn fiha hemm inkapsulati l-elementi kollha tar-reat tas-serq, u cioè it-teħid doluż ta' oġġett li jappartjeni lill-ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti u dan bil-għan illi jsir il-qligħ mir-res furtiva. In fatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalità ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija. 1. The contrectatio of a thing. 2. Belonging to others. 3. Made fraudulently. 4. Without the consent of the owner. 5. Animo lucrandi. Abbinata ma' din id-definizzjoni li minnha jinstiltu l-elementi tar-reat, li l-leġislatur jonqos milli jinkorpora fil-leġislazzjoni, l-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad joħloq l-aggravanti għar-reat fejn fosthom insibu l-aggravju tal-valur, tal-ħin, tax-xorta tal-ħaġa misruqa … l-ewwel u l-iktar element importanti li jrid jiġi ppruvat huwa dak ta' l-hekk imsejjaħ contrectatio u cioè t-teħid ta' l-oġġett mill-pussess tas-sid u mingħajr il-kunsens tiegħu u dan magħmula b'mod frawdolenti. … It-teorija tal-pussess reċenti ta' oġġetti misruqa wkoll toħloq il-presunzjoni li l-persuna li fil-pussess tagħha instabet ir-res furtiva huwa ħati tas-serq: 'Hu evidenti li meta oġġetti misruqa jinstabu, fi żmien qasir wara li jkun sar is-serq, fil-pussess ta' xi ħadd, tapplika l-hekk imsejħa doctrine of recent possession. If the accused was found in possession of goods which had recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the jury may be entitled to infer that he either stole the goods or received them. It is purely a question of fact and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved: the legal burden of proof remains on the prosecution as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected" (Blackstone). Huwa prinċipju paċifiku fil-ġurisprudenza Maltija illi min jieħu pussess ta' xi oġġett li jsib f'xi lok taħt ċirkostanzi li juru illi dak l-oġġett jappartjeni lil xi ħadd u ma ġiex abbandunat minn sidu jikkommetti serq.' … il-qliegħ li l-Carrara jagħmel referenza għalih bħala wieħed mill-elementi tar-reat tas-serq ma jfissirx biss qliegħ monetarju iżda anki s-sempliċi użu u tgawdija ta' l-oġġett jikkostitwixxi forma ta' qliegħ[27].*

Fil-każ in eżami mix-xhieda ta' Christian Cortis[28], proprjetarju tal-fond Nru.9, "Edelweiss" Triq Toni Pace, Mellieħa, jirriżulta li fil-25 ta' Lulju 2018 huwa sab il-*windproof screening* mal-faċċata tal-fond imċarrat u l-vireg, injam u ġebel li kienu qed jimblukkaw l-entratura għall-fond imċaqalqin minn posthom. Sab ukoll illi l-bibien tal-kmamar ta' ġol-fond kienu kollha sgassati u diversi oġġetti li kellu fihom, inkluż parti minn railing ta' l-aluminium, kienu neqsin. Jirriżulta wkoll li l-persuna li aċċediet fil-fond ta' Cortis b'dan il-mod ma hijiex magħrufa minn u lil Cortis u lanqas kellha awtorizzazzjoni, permess jew kunsens tiegħu biex tidħol fil-fond imsemmi u minn hemm tieħu l-oġġetti li Cortis sab neqsin u li mill-filmat mogħti lill-Pulizija[29] - in segwitu eżaminat mill-Espert Tekniku Donald Tabone illi pproduċa l-istills rilevanti u relattivi, tirriżulta persuna ta' sess maskili dieħla u ħierġa mill-fond iġġorr affarijiet f'idejha u tpoġġihom f'vettura ta' l-għamla Daihatsu Boom bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE637, liema vettura in segwitu tidher titlaq minn fuq il-post bir-rail ta' l-aluminium kjarament jidher sporġut mill-boot tagħha.

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-elementi kollha juru bl-iktar mod ċar u fil-grad rikjest mill-Liġi illi li fil-każ in eżami seħħ ir-reat ta' serq a dannu ta' Christian Cortis.

---

[27] Il-Pulizija v. Hamza Kamel El Bakoush, Appell Kriminali Nru. 256/17 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ġunju 2019.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, fol. 71 sa' 81 tal-proċess.
[29] Dok. "GS1" a fol. 24 tal-proċess.

L-Artikolu 261(b), (ċ) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *is-serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok*. L-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *is-serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata*. A tenur ta' l-Artikolu 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta: *taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull tbattija fl-art, ksur, ħatt, ħruq, qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ħajt, li ma jkunx ħajt ta' għalqa mibni bis-sejjieħ, saqaf, qofol, katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok fejn ikun sar is-serq.*

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Christian Cortis jirriżulta li min daħal fil-fond di proprjetà tiegħu daħal billi ċarrat il-windproof screening li kien hemm mal-faċċata tal-fond u neħħa l-vireg, injam u bricks li kienu qed jagħlqu l-entratura għall-fond u una volta ġewwa l-fond, ottjena aċċess għal ġol kmamar billi ta daqqa ta' sieq lill-bibien u ċarrat ix-xambrella man-naħa tal-lock. Fil-fehma tal-Qorti din is-sitwazzjoni taqa' sfieq taħt id-definizzjoni ta' 'ksur' kif riżultanti mill-Artikolu 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk jissussisti l-aggravju tal-mezz għar-reat ta' serq kif kontemplat fl-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *is-serq huwa kkwalifikat bil-'valur', meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)*. Mill-provi prodotti u, għal darb' oħra, senjatament mix-xhieda ta' Christian Cortis u d-dokumenti minnu esebiti, ossia r-riċevuti markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC9" a fol. 54 sa' 66 tal-proċess, jirriżulta li l-oġġetti li nsterqu mill-proprjetà ta' l-imsemmi Cortis - oġġetti minnu elenkati fix-xhieda tiegħu - kellhom valur komplessiv ta' ċirka **€2,559**, valur dan li ma jikkomprendix parti ta' railing ta' l-aluminium li nsteraq ukoll. Fid-dawl ta' tali provi li ma ġew bl-ebda mod kontestati jew kontradetti, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-valur għar-reat ta' serq a tenur ta' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jissussisti ukoll.

L-Artikolu 269(ġ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *huwa kkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir - (ġ) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha*. Mill-provi prodotti, b'mod partikolari mix-xhieda ta' Christian Cortis jirriżulta li fil-25 ta' Lulju 2018 il-fond Nru.9 "Edelweiss", Triq Toni Pace, Mellieħa, kien fi stat ta' ġebel u saqaf u l-istess Cortis kien se jibda *l-interior, id-dawl, l-ilma u nkompli bil-kisi u affarijiet oħra biex nagħlaq il-post*[30]. Mal-faċċata tagħha kellha windproofing screening u warajh kien hemm vireg, injam u ġebel jimblukkaw l-entratura. Jirriżulta għalhekk li fid-data imsemmija f'dan il-fond ma kien jirrisjedi ħadd u fl-istat li kien fih ma seta' jirrisjedi ħadd. Fil-fehma tal-Qorti fid-dawl ta' tali fatt ma jistax jitqies li l-aggravju tal-lok għar-reat ta' serq jissussisti fil-każ in eżami.

Għalkemm il-Kodiċi Kriminali ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' 'dar ta' abitazzjoni' (*dwelling house* fit-test b'Ingliż), it-tifsira mogħtija lit-terminu *dwelling house* fil-Law Dictionary - law.com hija *the house in which a man lives with his family; a residence; the apartment or building or group of buildings occupied by a family as*

[30] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, fol. 71 sa' 81 tal-proċess.

*a place of residence. In conveyancing. Includes all buildings attached to or connected with the house. In the law of burglary. A house in which the occupier and his family usually reside or in other words dwell and lie in.* Fid-dawl ta' tali tifsira jirriżulta li biex fond jew aħjar dar tista' titqies bħala dar ta' abitazzjoni/*dwelling house*, huwa meħtieġ li tkun tali li fiha jgħixu jew jistgħu jgħixu n-nies. Din l-istess tifsira tinstab f'diversi Liġijiet Maltin bħal ad eżempju fl-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta fejn appuntu *dar ta' abitazzjoni tfisser bini jew parti minn bini mibdi jew adattat strutturalment biex jiġi okkupat bħala abitazzjoni separata* u fir-Regolamenti dwar l-Ippjannar ta' l-Iżvilupp (Saħħa u Sanità), Leġislazzjoni Sussidjarja 552.22, fejn *post ta' abitazzjoni tfisser struttura użata bħala residenza u għandha tkun tikkonsisti, minn ta' l-anqas fi kċina, kamra tas-sodda u faċilitajiet sanitarji.* Fil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, imbagħad insibu li l-kelma *'dar' tfisser kull dar hekk magħrufa u tinkludi mezzanin, kamra, maħżen jew bini ieħor li l-biċċa l-kbira tiegħu hija tal-ġebel jew ta' materjal ieħor użat għall-bini.*

Fid-dawl ta' dawn id-definizzonijiet u tifsiriet huwa evidenti li fond fi stat ta' ġebel u saqaf, bl-intern tiegħu għadu bil-kemm mibdi u bl-entratura imblukkata bil-vireg, ġebel u injam, hekk kif kien il-fond Nru.9, "Edelweiss" Triq Toni Pace, Mellieha, fil-25 ta' Lulju 2018, ma jistax u ma għandux jitqies li huwa 'dar ta' abitazzjoni' għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, inkluż għall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 269(ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement għalhekk li l-aggravju tal-lok għar-reat ta' serq kif previst fl-imsemmi Artikolu 269(ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissussistix f'dan il-każ.

Ikkunsidrati l-elementi ċentrali tar-reat ta' serq aggravat li bih qed jiġu akkużati ż-żewġ imputati, jeħtieġ issa jiġi determinat jekk l-istess imsemmija żewġ imputati humiex effettivament ħatja li wettqu serq aggravat bil-mezz u bil-valur a dannu ta' Christian Cortis.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li fil-25 ta' Lulju 2018, għall-ħabta tat-3:00p.m., vettura ta' l-għamla Daihatsu Boom bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637 kienet fi Triq Toni Pace, Mellieha, ossia l-istess triq fejn jinsab il-fond proprjetà ta' Christian Cortis, u jidher persuna ta' sess maskili ġej u sejjer minn din il-vettura lejn l-imsemmi fond u lura jgħabbi diversi affaraijiet u in segwitu, senjatament fit-3:18p.m., din l-istess vettura tidher għaddejja mit-triq b'railing sporġut 'l barra mill-boot. Dawn il-fatti jinsabu kkonfermati mill-filmat u mill-istills esebiti mill-Espert Tekniku Donald Tabone flimkien mar-Relazzjoni tiegħu a fol. 101 sa' 154 tal-proċess u mill-ġdid a fol. 173 sa' 234 tal-proċess. Fir-rigward ta' din il-vettura, tal-persuna li tidher ġejja u sejra mill-vettura għall-fond u tar-railing li jidher sporġut mill-boot tal-vettura, Christian Cortis iddikjara *li laqatli għajnejja huwa li dan ġara kollox qisu bejn żewġ minuti u tlett minuti għax kumbinazzjoni fit-tarf tal-footage kienet tidher li ġiet karozza, kien jidher persuna miexi 'l fuq u 'l isfel mill-garaxx għal ġol-karozza jgħabbi u jerġa' jinżel biex iġib l-affarijiet l-oħra. … indunajt li mbagħad serqu minn naħa tiegħi u li huwa tiegħi mir-railing ta' l-aluminium għax kien ħiereġ 'l barra għax il-bieba ma ngħalqitx sewwa. … Min-naħa ta' wara u l-bieb naħseb kienet magħluqa għax ma kienetx mgħollija u kienet qed isserraħ fuq ir-railing. … Ta'*

*wara tal-boot u hu kien ħiereġ 'l barra mill-boot*[31]. Fir-rigward tal-vettura nnifisha Karen Cremona, rappreżentant ta' Transport Malta, iddikjarat li *l-vettura BCE637 hija Daihatsu Boom ta' kulur silver irreġistrata fuq Roderick Zahra I.D. Card 262484(M)* - ossia l-imputat f'dan il-każ - *u ilha hekk reġistrata fuq ismu mill-24 ta' Marzu 2015* u dak minnha dikjarat jirriżulta kkonfermat mid-dokument Dok. "KC1" esebit minnha a fol. 156 sa' 159 tal-proċess.

Minn dawn il-provi jirriżulta għalhekk li dakinhar tal-25 ta' Lulju 2018 bejn it-3:00p.m. u t-3:18p.m., il-vettura di proprjetà ta' l-imputat Roderick Zahra kienet: (a) tinsab fi Triq Toni Pace, Mellieħa, preċiżament viċin il-fond di proprjetà ta' Christian Cortis; (b) kienu qed jitgħabbew xi affarijiet minn dan il-fond għal ġo din il-karozza; **u** (ċ) il-vettura tidher titlaq minn fuq il-post bir-railing mill-fond ta' Cortis jidher ċar qed jisporġi 'l barra mill-boot tagħha. Dawn it-tlett fatturi fil-fehma tal-Qorti kjarament iqiegħdu lill-imputat Roderick Zahra fuq ix-xena tar-reat, presenza din li ma ġiet minnu bl-ebda mod spjegata u/jew ġustifikata, u b'hekk jikkostitwixxu prova li fil-fehma Tagħha tistabilixxi fil-grad rikjest mill-Liġi li l-imputat Roderik Zahra wettaq ir-reat ta' serq agravat bil-mezz u bil-valur a dannu ta' Christian Cortis.

Għalkemm din il-prova dwar l-involviment u b'hekk dwar il-ħtija ta' l-imputat Roderick Zahra għar-reat appena msemmi tista' titqies bħala prova indizzjarja, il-Qorti hija moralment konvinta li hija prova univoka li tfisser biss u xejn aktar li l-imputat Roderick Zahra huwa hekk hati tar-reat in kwistjoni. Din l-osservazzjoni u konsegwenti konklużjoni tal-Qorti dwar il-valur u portata tal-prova indiretta ssib konferma fil-prinċipju ġuridiku ormai assodat fis-sistema nostrali li *l-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konkluzzjoni waħda ... biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univoċità tagħha cioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandujmur favur l-akkużat skond il-Liġi*[32].

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat Roderick Zahra għandu jiġi misjub ħati talli fil-25 ta' Lulju 2018 għall-ħabta tat-3:00p.m., ikkommetta serq mill-fond Nru.9, "Edelweiss" Triq Toni Pace, Mellieha, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, a dannu ta' Christian Cortis.

Is-sitwazzjoni fil-konfront ta' l-imputata Ruth Spiteri però hija kemm xejn differenti stante li fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi li l-imsemmija imputata kienet involuta, bħala awtur jew kompliċi, fir-reat hawn trattat.

Fir-rigward tal-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni ssir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Matthew Zarb, Każ Nru. 1289/14** deċiża fis-16 ta' Mejju 2019, fejn appuntu

[31] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, fol. 71 sa' 81 tal-proċess.
[32] Repubblika ta' Malta v. George Spiteri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002 u Il-Pulizija v. David Schembri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Settembru 2019.

ngħad illi *fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ Miller v. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 ta' l-espressjoni 'proof beyond reasonable doubt'. "Proof beyond reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Wara li qieset il-provi kollha prodotti, inkluż il-filmati ta' CCTV Cameras u l-istills rilevanti u relattivi maħruġa mill-Espert Tekniku Donald Tabone, il-Qorti ma hijiex moralment konvinta li l-imputata Ruth Spiteri kienet involuta, bħala awtur jew kompliċi, fir-reat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur a danni ta' Christian Cortis li twettaq fil-25 ta' Lulju 2018 minn ġol-fond Nru.9 "Edelweiss" Triq Toni Pace, Mellieħa.

Għalkemm ġiet ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi l-presenza, mhux spjegata u ġustifikata, ta' l-imputat Roderick Zahra fuq ix-xena tar-reat u għalkemm ġie ppruvat sal-grad rikjest mill-Liġi l-pussess, ukoll mhux spjegat u ġustifikat, da parte ta' l-imputat Roderick Zahra tar-refurtiva meħuda mill-fond in kwistjoni, ma jistax jingħad li bl-istess mod u a bażi ta' l-istess provi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-involviment, b'mod jew ieħor, ta' Ruth Spiteri f'dan il-każ. Għalkemm mill-filmati ta' CCTV Cameras, li huma l-prova ewlenija prodotta mill-Prosekuzzjoni dwar l-involviment ta' persuni (fosthom kif determinat iktar 'l fuq ta' l-imputat Roderick Zahra) fir-reat in kwistjoni, jirriżulta li bejn 15:18:26 u 15:18:29 l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637 kienet qed tinstaq minn Triq Toni Pace, Mellieħa, b'parti mir-railing ta' l-aluminium di proprjetà ta' Christian Cortis jisporġi 'l barra mill-boot tagħha, u li din kienet hekk qed tinstaq minn persuna ta' sess femminili, mill-istess filmati ma jistax jingħad b'ċertezza - imqar minima u wisq inqas assoluta - li dik il-persuna kienet l-imputata Ruth Spiteri.

Apparte dak hawn appena osservat, għad illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat stqarrija rilaxxata mill-imputata Ruth Spiteri fl-4 ta' Awwissu 2018[33], fejn hi għamlet ċerta affermazzjonijiet fir-rigward tal-ġurnata tal-25 ta' Lulju 2018, il-Qorti ma hijiex se tieħu konjizzjoni ta' tali stqarrija in kwantu, għalkemm ġiet rilaxxata wara li l-imputata ingħatat is-solita twissja w anke wara li ngħatat l-opportunità li tikkonsulta ma' Avukat ta' fiduċja tagħha, opportunità din minnha rifjutata, ma jirriżultax li waqt ir-rilaxx ta' l-istess stqarrija l-imputata Ruth Spiteri kienet debitament assistita minn Avukat. Din id-deċiżjoni tal-Qorti li f'tali ċirkostanzi ma tieħux konjizzjoni ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputata Ruth Spiteri hija bbażata fuq dak osservat mill-

[33] Dok. "GS6" a fol. 38 u 39 tal-proċess.

Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Aldo Pistella, Rik. Nru. 104/16** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018, fejn appuntu ingħad illi *ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni ta' l-istqarrija ta' l-akkużat Pistella ladarba din, għall-inqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità - dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat - li tista' twassal għal konsegwenzni bħal tħassir tal-proċess kollu.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputata Ruth Spiteri għandha, fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mill-Liġi, tiġi liberata mill-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tagħha.

**It-tieni akkuża:**

L-imputati Roderick Zahra u Ruth Spiteri qed jiġu akkużati wkoll talli fl-10 ta' Lulju 2018 fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar minn ġewwa residenza "Sunrise" fi Vjal il-Qalbiena, Mosta, ikkommettew serq għad-dannu ta' Noel farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok bi ksur ta' l-Artikoli 263(a), 269(ġ), 267 u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[34] jirriżulta li l-imputati fil-fatt inbagħtu quddiem din il-Qorti biex jiġu iġġudikati għal reati kif maħsub fl-Artikoli 261(b),(ċ), (e), 263(a), 269(ġ), 267, 42(d), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dan il-każ jirriżulta mill-provi prodotti, senjatament mill-filmant u stills relattivi esebiti mill-Espert Tekniku Donald Tabone flimkien mar-Relazzjoni tiegħu a fol. 101 sa' 154 tal-proċess u mill-ġdid a fol. 173 sa' 234 tal-proċess, li fl-10 ta' Lulju 2018, persuna ta' sess maskili li kienet liebsa flok iswed u shorts three-quarters aħmar, kien dieħel u ħiereġ fil-garaxx tal-fond "Sunrise" fi Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, di proprjetà ta' Noel Farrugia, u minn hemm ħa xi affarijiet, poġġihom f'vettura ta' l-għamla Daihatsu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637 u telaq bihom minn fuq il-post. Mix-xhieda ta' Noel Farrugia jirriżulta li qabel dakinhar huwa qatt ma kien ra lil dan ir-raġel u dan l-istess raġel ma huwiex magħruf lilu u ma kellux il-permess, awtorizzazzjoni u kunsens tiegħu biex jidħol fil-garaxx in kwistjoni u minn hemm jieħu l-affarijiet li ħa miegħu. Fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi fir-rigward tar-reat ta' serq iktar 'l fuq ċitati fil-kuntest ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti tqis li anke fil-każ tat-tieni akkuża jissussisti r-reat ta' serq.

Fir-rigward tat-tieni akkuża wkoll qed jiġu avvanzati l-kwalifiki għar-reat ta' serq kif previsti fl-Artikolu 261(b)(ċ)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-kwalifiki tal-mezz, tal-valur u tal-lok.

Mix-xhieda ta' Noel Farrugia jirriżulta li meta seħħet is-serqa fil-fond tiegħu, senjatament mill-garaxx tal-fond, min wettaq is-serqa in kwistjoni daħal mill-bieb tal-garaxx li dakinhar u fil-ħin tas-serqa kien miftuħ peress li kien hemm il-ħaddiema

[34] Fol. 245 tal-proċess.

qed jaħdmu fid-dar. Fir-rigward huwa stqarr *hu* (ossia l-bieb tal-garaxx) *magħluq u għandu bieb ta' garaxx. Fil-mument li saret is-serqa kien miftuħ qiegħed fuq il-ganġetta minħabba xi ħaddiema li għandi jaħdmu.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *jiġifieri dak il-ħin kien hemm il-ħaddiema qegħdin jaħdmu u l-bieb kien fuq il-ganġetta hux hekk?* Noel Farrugia wieġeb *iva hekk hu eżatt*[35]. Meta dan il-fatt, ossia li l-bieb tal-garaxx minn fejn seħħet is-serqa kien miftuħ fuq il-ganġetta u minn wettaq tali serqa daħal minn dak l-istess bieb, jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-kwalifika tal-mezz għar-reat ta' serq kif prevista fl-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *s-serq hu kkwalifikat bil-'mezz' - meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz jew bi skalata* **u** fid-dawl tat-tifsira ta' "ksur" kif esposta fl-Artikolu 264 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull tbattija fl-art, ksur, ħatt, ħruq, qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ħajt, li ma jkunx ħajt ta' għalqa mibni bis-sejjieħ, saqaf, qofol, katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint, jew biex isakkru jew jerfgħu fiż-żgur ħwejjeġ jew oġġetti oħra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarijiet jew reċipjenti oħra, u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew reċipjent ieħor, saħansitra jekk dan il-ksur ma jsirx fil-lok fejn ikun sar is-serq…* għandu jirriżulta immedjatament evidenti li l-aggravju tal-mezz għar-reat ta' serq li qed jiġi addebitat lill-imputati ma jissussistix fil-każ in eżami.

In kwantu jirrigwarda l-aggravju tal-valur a tenur ta' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jissussisti *meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentezmu (232.94)*, il-Prosekuzzjoni tramite x-xhieda ta' Noel Farrugia stabiliet illi n-nail gun li nsteraqlu kien jiswa' madwar €600 u li l-hammer drill illi nsteraqlu wkoll kien jiswa' madwar €250, filwaqt li llum biex jixtri wieħed simili tiegħu tiġih spiża ta' madwar €600. In effetti fir-rigward Noel Farrugia iddikjara li n-nail gun *dak kien xtrahuli ħabib tiegħi mill-Italja w ovvjament ġabuli miegħu.* Mistoqsi kemm kien jiswa dan in-nail gun Noel Farrugia ddikjara *approximately xi €600. Jiena ġibt quotation ta' xi ħaġa simili li tiswa xi €750. … Bejn wieħed u ieħor kien jiswa xi €600 imma ovvjament din il-quotation li sibt mhijiex tiegħu però ppruvajt insib xi ħaġa simili. … Il-prodott l-ieħor huwa hammer drill, il-kulur tiegħu huwa iswed bl-aħdar, kien inxtara l-istess mal-biċċa għodda l-oħra. Approximate value li niftakar li kien jiswa kien xi €250 meta kont xtrajthom u meta ġibt il-quotation ta' l-iktar ħaġa simili li sibt kienet xi €600*[36].

Għalkemm Noel Farrugia ma esebiex l-istimi minnu msemmija l-Qorti tqis li huwa altru milli verosimili li nail gun u hammer drill, li entrambe huma power tools, kienu ġew akkwistati mill-istess Noel Farrugia għall-valur ta' €600 u €250 rispettivament, b'dana għalhekk li l-aggravju tal-valur previst fl-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta ppruvat. In sostenn ta' din l-osservazzjoni u konsegwenti konkluzzjoni Tagħha, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Hamza Kamel El Bakoush, Appell Kriminali Nru. 256/17** deċiża fis-26 ta' Ġunju 2019, ossia li *fir-rigward ta' l-aggravju tal-valur tal-ħaġa misruqa, ix-xhieda kif prodotta tal-parti leża/kwerelanti jixhdu dwar il-valur ta' xi wħud mill-oġġetti li nsterqulhom fejn fiż-żewġ serqiet, il-vittmi jindikaw effetti li kienu jeżoribtaw il-valur ta' mitejn*

[35] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, fol.82 sa' 88 tal-proċess.
[36] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018, fol.82 sa' 88 tal-proċess.

*tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li huwa l-valur li jrid jinqabeż sabiex dan l-aggravju jissussisti. Fil-każ ta' Maria Scerri hi stqarret li n-nuċċali li serqilha l-appellant kien tad-ditta Marc Jacobs u kkwantifikat il-valur bħala madwar €300. Mill-banda l-oħra skond dak li xehed David Attard, hu safa misruq camera tar-ritratti tal-marka Fuji kif ukoll telefon ċellulari tad-ditta Samsung u dan apparti xi flus kontanti. Issa skond is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Cutajar il-Qorti ta' l-Appell diversament ippreseduta irriteniet is-segwenti: 'Meta qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kuljum tal-ġudikant, tkun tista' tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' l-ammont tal-ħsara (jew tal-valur ta' l-oġġett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabeż jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-Liġi (eż. Jekk hux aktar minn għaxar liri, aktar minn ħamsin lira jew aktar minn ħames mitt lira - Art. 325(1), Kap.9), m'għandux jitqabbad perit biex jagħmel stima ta' l-oġġett jew oġġetti in kwistjoni proprju għax tali valutazzjoni ma tkunx "tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali" (Art. 650(1), Kap.9): l-ispejjeż ta' tali perizja u d-dewmien li din neċessarjament iġġib ikunu inutili u għalhekk inġustifikati. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ de quo, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li għandha tbiddel fis-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni.' Ċertament l-Ewwel Qorti għalhekk, anke abbażi tal-bwon sens, setgħet tasal għall-konklużjoni illi nuċċali tax-xemx ta' marka rinomata, telefwon ċellulari u camera tar-ritratti ċertament jeċċedu l-valur indikat fil-liġi li mhuwiex xi wieħed eżorbitanti ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu. Għalhekk anke dan l-aggravju* (li ma tressqux provi dwar l-aggravju tal-valur għar-reat ta' serq) *qed jiġi miċħud.*

Ir-reat ta' serq addebitat lill-imputati huwa aggravat ukoll bil-lok a tenur ta' l-Artikolu 269(ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Mix-xhieda ta' Noel Farrugia però rriżulta li il-post in kwistjoni, ossia l-fond "Sunrise", Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, li minnu l-garaxx minn fejn insterqu n-nail gun u hammer drill imsemmija iktar 'l fuq jifforma parti, kien fid-data in kwistjoni *construction site* peress illi kien qed jtella' bini fuq l-istess garaxx. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, u għar-raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq fir-rigward ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-lok għar-reat ta' serq previst fl-Artikolu 269(ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissussistix fil-każ in eżami.

Dan kollu osservat iwassal għalhekk biex ir-reat li għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tat-tieni akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputati huwa r-reat ta' serq aggravat bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37 a tenur ta' l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Stabbilit dan il-fatt għandu issa jiġi determinat jekk l-imputati humiex ħatja o meno ta' tali reat.

F'dan il-każ partikolari apparte li mill-filmat u stills rilevanti esebiti mill-Espert Tekniku Donald Tabone flimkien mar-Relazzjoni tiegħu a fol. 101 sa' 154 tal-proċess u mill-ġdid a fol. 173 sa' 234 tal-proċess, jirriżulta persuna ta' sess maskili dieħel u ħiereġ fil-garaxx di proprjetà ta' Noel Farrugia jġorr affarijiet meħuda minn hemm ġew u jidħol bihom fil-vettura ta' l-għamla Diahatsu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637, ossia l-vettura ta' l-imputat Roderick Zahra, Noel Farrugia b'mod skjett u bla ebda eżitazzjoni ta' xejn waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018 għaraf lill-imputat bħala l-persuna li effettivament daħlet fil-garaxx tiegħu u minn hemm, mingħajr permess, awtorizzazzjoni u/jew kunsens tiegħu ħadet iż-żewġ power tools

imsemmija iktar 'l fuq. Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni ċara ta' Noel Farrugia, kombinata wkoll mal-fatt li l-imputat deher idaħħal l-oġġetti meħuda mill-garaxx ta' Noel Farrugia fil-vettura tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-imputat Roderick Zahra huwa effettivament il-persuna li wettaq ir-reat ta' serq aggravat bil-valur a dannu ta' Noel Farrugia u għandu per konsegwenza jinstab ħati ta' tali reat.

F'dan il-każ ukoll però l-Qorti tqis li ma tistax issib ħtija fl-imputata Ruth Spiteri għat-twettiq - bħala awtur jew kompliċi - ta' dan ir-reat. F'dan il-każ ukoll il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova fil-grad rikjest mill-Liġi li l-imputata Ruth Spiteri kienet involuta bħala awtur jew kompliċi fir-reat ta' serq aggravat bil-valur a detriment ta' Noel Farrugi, u filwaqt li Noel Farrugia bla ebda eżitazzjoni ta' xejn għaraf lill-imputat Roderick Zahra bħala l-persuna li wettqet is-serqa a dannu tiegħu, huwa ma għarafx lill-imputata Ruth Spiteri bħala konnessa b'mod jew ieħor ma' dan ir-reat. Di fatti fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Awwissu 2018[37] għalkemm iddikjara li kien hemm persuna ta' sess femminili qed issuq il-vettura ta' l-għamla Daihatsu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637 li fiha daħal l-imputat Roderick Zahra bl-affarijiet meħuda mill-garaxx ta' Noel Farrugia, mistoqsi mill-Prosekuzzjoni *l-persuna l-oħra li rajt fil-karozza li għidtilna li mbagħad biddlu s-seat u nstaqet il-vettura, stajt taraha inti din il-persuna jekk jogħġbok? L-istess* Noel Farrugia wieġeb *imma ma għarafthiex* u mistoqsi ulterjorment *voldieri jekk ngħidlek jekk din il-persuna tagħrafhiex ġo din l-awla ma tistax tgħidilna hux hekk?* wieġeb *le ma nistax ngħid* u għall-mistoqsija tal-Qorti *jiġifieri inti lir-raġel biss qed tagħraf fl-awla hux hekk? h*uwa wieġeb *iva hekk hu eżatt.*

Fil-filmati ta' CCTV Cameras u mill-istills maħruġa mill-Espert Tekniku Donald Tabone għad illi jidher b'mod ċar li l-imputat qed jitla' fil-vettura ta' l-għamla Daihatsu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BCE-637, ma jirriżultax minn kien qed isuq dik il-vettura u għalkemm l-imputat jidher ukoll jibdel il-post fl-imsemmija vettura ma' mara, ma jistax jingħad li dik il-mara fil-fatt kienet l-imputata Ruth Spiteri.

Għal kull buon fini jiġi osservat li anke fir-rigward ta' dan ir-reat, għar-raġunijiet ġia iktar 'l fuq mogħtija l-Qorti ma hijiex se tieħu konjizzjoni ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputata Ruth Spiteri fl-4 ta' Awwissu 2018.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputata Ruth Spiteri għandha tiġi liberata mit-tieni akkuża dedotta fil-konfront tagħha.

Il-Prosekuzzjoni tressaq ukoll l-akkuża tar-reċidiva a tenur ta' l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm fil-konfront ta' Roderick Zahra kif ukoll fil-konfront ta' Ruth Spiteri. Din l-akkuża tinsab riflessa wkoll fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[38]. Fid-dawl tal-fatt li Ruth Spiteri ma għandhiex tinstab ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha, hija għandha tiġi liberata wkoll mill-akkuża tar-reċidiva hekk kif dedotta fil-konfront tagħha. Stabbilit dan il-punt il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-akkuża tar-reċidiva a tenur ta' l-Artikoli 49, 50 u

[37] Fol. 82 sa' 88 tal-proċess.
[38] Fol. 245 tal-proċess.

289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu dedotta fil-konfront ta' Roderick Zahra.

A tenur ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.* L-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor* u l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Il-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu* (ossia s-subtitolu Fuq is-Serq) *il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi. (2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata sa' tmintax-il perijodu.*

In sostenn ta' l-akkuża tagħha li l-imputat Roderick Zahra huwa reċidiv a tenur ta' l-imsemmija artikoli tal-Liġi, ossia l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni esebiet, oltre l-fedina penali tiegħu[39], sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Roderick Zahra" deċiza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Marzu 2018[40] u sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Roderick Zahra et" ukoll deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Marzu 2017[41]. Apparte minn hekk il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Ispettur Kyle Borg, illi kienet l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Roderick Zahra" deċiża fil-21 ta' Marzu 2018, fejn b'referenza għas-sentenza esebita bħala Dok. "GV1" iddikjarat illi *qed nikkonferma li jiena kont l-Uffiċjal Prosekutur meta Roderick Zahra, li qed nagħraf hawn preżenti fl-Awla, fil-21 ta' Marzu 2018 kien ingħata din is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati, Maġistrat Audrey Demicoli*[42].

Għall-finijiet tal-prova tar-reċidiva huwa ormai prinċipju ġuridiku assodat illi *l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuża bħal dawn in kwistjoni hi li tiġi esebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identità … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova ta' l-identità. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati*[43] *… Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll*

[39] Fol. 6 sa' 10 tal-proċess.
[40] Dok. "GV1" a fol. 163 sa' 165 tal-proċess.
[41] Dok. "GV2" a fol. 166 tal-proċess.
[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2018, fol. 167 tal-proċess.
[43] Il-Pulizija v. Jason James Agius, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001.

*billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami ta' l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami ta' l-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva*[44].

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi l-akkuża tar-reċidiva a tenur ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat Roderick Zahra permezz tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Roderick Zahra" deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Marzu 2018 u permezz tax-xhieda ta' l-Ispettur Kylie Borg. Mill-vera kopja tas-sentenza imsemmija, esebita bħala Dok. "GV1" a fol. 163 sa' 165 tal-proċess, jirriżulta li l-imputat f'dawk il-proċeduri - u l-persuna misjuba ħatja u ikkundannata għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin mid-data ta' dik is-sentenza - huwa l-imputat f'dawn il-proċeduri. Dan jirriżulta b'mod partikolari min-numru tal-Karta ta' l-Identità li huwa 262484(M), li huwa appuntu n-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat. Apparte minn hekk l-uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri, ossia l-Ispettur Kylie Borg ikkonfermat li dawk il-proċeduri ttieħdu u dik id-deċiżjoni inghatat fil-konfront ta' l-imputat fil-proċeduri odjerni.

Siccome b'dik is-sentenza l-imputat ingħata piena ta' sentejn priġunerija li ġew sospizi għal erba' snin mid-data tas-sentenza u ma nġabet l-ebda prova li dik is-sentenza bdiet isseħħ u li l-piena hemm imposta ġiet maħfura, in kwantu terminu ta' sentejn priġunerija ċertament għadu ma skadiex kieku beda jiddekorri fil-mori tal-proċeduri, fil-każ in eżami għandu japplika dak provdut fl-Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè li *meta l-Qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta' l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet ta' l-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.*

Għalkemm fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 50 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami, japplika invece dak provdut fl-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li s-sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-imputat fil-21 ta' Marzu 2018 kienet proprio sentenza għal ħtija fost affarijiet oħra għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur u bil-ħin u għalhekk jirriżulta li l-kundanna bis-saħħa tas-sentenza odjerna hija t-tieni kundanna għal reat ta' serq fil-konfront ta' l-imputat Roderick Zahra.

Għal kull buon fini jiġi osservat li s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Roderick Zahra et" mogħtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Marz 2017 ma tikkostitwixxix prova għall-finijiet tar-reċidiva, la għall-finijiet ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas għall-finijiet ta' l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

[44] Il-Pulizija v. Joseph Zahra, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003, Il-Pulizija v. Paul Abela, Appell Kriminali Nru. 87/04 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Rita Zammit, Appell Nru. 477/17 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2019.

stante li għalkemm l-imputat ġie hemm akkużat bir-reat ta' serq sempliċi, huwa ġie lliberat minn dik l-akkuża bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. Tali kundanna qatt ma tista' titqies bħala sejbien ta' ħtija stante li a tenur ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li: *bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taġt id-diposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat.* Din l-osservazzjoni tal-Qorti issib konferma ulterjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Desira, Każ. Nru. 405/12** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Jannar 2013, fejn ingħad *dwar it-tieni imputazzjoni din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt issib illi jirriżulta l-addebitu tar-reċidiva peress illi s-sentenza in kwistjoni kienet waħda fejn l-appellant kien ingħata conditional discharge skond il-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u kif dejjem ġie puntwalizzat minn din il-Qorti, persuna ma tistax titqies reċidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati f'dik il-Liġi.*

Fl-assjem ta' dak kollu appena osservat il-Qorti tqis għalhekk li l-imputat Roderick Zahra għandu jinstab ħati li rrendu ruħu reċediv a tenur ta' l-Artikolu 49 u 289 tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jiġi trattat bħala tali.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali ġie indikat ukoll li f'każ ta' ħtija ta' l-imputati - f'dan il-każ, fid-dawl ta' dak kollu iktar 'l fuq osservat, ta' l-imputat Roderick Zahra, il-Qorti għandha, oltre milli timponi l-piena idoneja, tikkundannah għall-ħlas ta' l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li f'dawn il-proċeduri kien ġie nominat Donald Tabone bħala Espert Tekniku sabiex joħroġ stills mir-recordings ta' CCTVs esebiti bħala Dok. "GS1" u Dok. "GS2" a fol. 24 u 25 tal-proċess[45]. L-ispejjeż konnessi ma' din il-ħatra u ma' l-inkarigu espletat jammontaw għal €442.78, hekk kif jirriżulta a tergo ta' fol. 154 tal-proċess. Għaldaqstant is-somma li l-imputat Roderick Zahra għandu jiġi ikkundannat iħallas hija s-somma ta' €442.78.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastejni milli tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat Roderick Zahra illi fil-perijodi u ċirkostanzi imsemmija fl-ewwel żewġ akkużi dedotti fil-konfront tiegħu kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża w ordni ta' superviżjoni mogħtija fil-21 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), filwaqt ukoll li tillibera lill-imputata Ruth Spiteri mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u filwaqt li ma ssibx lill-imputat Roderick Zahra ħati ta' l-aggravju tal-lok fl-ewwel akkuża dedotta kontra tiegħu, ma ssibux ħati ta' l-aggravju tal-mezz u ta' l-aggravju tal-lok fit-tieni akkuża

[45] Digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu 2018, fol. 51 tal-proċess.

dedotta fil-konfront tiegħu u ma ssibux ħati li rrenda ruħu reċidiv a tenur ta' l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tilliberah minn tali aggravji u akkuża tar-reċidiva a tenur ta' l-imsemmi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Lġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 31, 49, 261(b)(ċ), 263(a), 264(1), 267, 278(1)(2), 279(a)(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu bl-aggravji tal-mezz u tal-valur, issibu ħati tat-tieni akkuża dedotta fil-konfront tiegħu bl-aggravju tal-valur u issibu ħati li rrenda ruħu reċidiv a tenur ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ta' dan tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

In fine, a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat Roderick Zahra jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €442.78 rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra f'dawn il-proċeduri ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**